Deċiżjoni vinkolanti tal-Bord (Art.65)

# Deċiżjoni 01/2022 dwar it-tilwima li qamet dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Franċiża rigward Accor SA skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR

## Adottata fil-15 ta’ Ġunju 2022

## Werrej


1 Sommarju tat-TILWIMA ..... 4
2 Kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta’ deċiżjoni vinkolanti ..... 7
2.1 Oġġezzjoni espressa minn CSA fir-rigward ta’ abbozz tad-deċiżjoni ..... 7
2.2 L-LSA ma ssegwix l-oġġezzjoni rilevanti u motivata għall-abbozz tad-deċiżjoni ..... 8
2.3 Konklużjonijiet dwar il-kompetenza tal-EDPB ..... 8
3 Id-Dritt għal amministrazzjoni tajba ..... 8
4 L-Istruttura tad-deċiżjoni vinkolanti ..... 9
5 Dwar il-miżuri korrettivi - b’mod partikolari, il-kalkolu tal-multa amministrattiva ..... 10
5.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni ..... 10
5.2 Sommarju tal-oġġezzjoni mqajma mill-PL SA ..... 11
5.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjoni ..... 12
5.4 Analiżi tal-EDPB ..... 13
5.4.1 Valutazzjoni dwar jekk l-oġġezzjoni kinitx rilevanti u motivata ..... 13
5.4.2 Valutazzjoni dwar il-merti ..... 14
6 Deċiżjoni Vinkolanti ..... 20
7 Rimarki finali ..... 20

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63 u l-Artikolu 65(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "GDPR") [1],

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018[2],

Wara li kkunsidra l-Artikolu 11 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu[3],

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem l-"**EDPB**") huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fiż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem iż-"**ŻEE"**) kollha. Għal dan il-għan, mill-Artikolu 60 tal-GDPR jirriżulta li l-awtorità superviżorja ewlenija (minn hawn 'il quddiem l-"**LSA**") għandha tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati (minn hawn 'il quddiem is-"**CSAs**") fi sforz biex jintlaħaq kunsens, li l-LSA u s-CSAs għandhom ipartu l-informazzjoni rilevanti kollha ma' xulxin, u li l-LSA għandha, mingħajr dewmien, tikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar il-kwistjoni, lill-awtoritajiet superviżorji l-oħra kkonċernati. L-LSA għandha, mingħajr dewmien, tissottometti abbozz tad-deċiżjoni lis-CSAs l-oħra għall-opinjoni tagħhom u tieħu kont debitu tal-fehmiet tagħhom.

(2) Fejn xi waħda mis-CSAs esprimiet oġġezzjoni motivata u rilevanti ("**RRO**") dwar l-abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 4(24) u l-Artikolu 60(4) tal-GDPR u l-LSA ma jkolliex l-intenzjoni li ssegwi l-RRO jew tikkunsidra li l-oġġezzjoni mhix motivata u rilevanti, l-LSA għandha tissottometti din il-kwistjoni lill-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikolu 63 tal-GDPR.

(3) Skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, l-EDPB għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti dwar il-kwistjonijiet kollha li huma s-soġġett tal-RROs, b'mod partikolari jekk hemmx ksur tal-GDPR.

(4) Id-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-EDPB, skont l-Artikolu 65(2) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 11(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, fi żmien xahar minn meta l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. L-iskadenza tista' tiġi estiża għal xahar ieħor, waqt li tiġi kkunsidrata l-kumplessità tas-suġġett, b'deċiżjoni tal-President fuq inizjattiva proprja jew b'talba ta' mill-anqas terz tal-membri tal-EDPB.

(5) Skont l-Artikolu 65(3) tal-GDPR, jekk, minkejja tali estensjoni, l-EDPB ma kienx kapaċi jadotta deċiżjoni sal-iskadenza, għandu jagħmel dan fi żmien ġimagħtejn wara l-iskadenza tal-estensjoni b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.

(6) F'konformità mal-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, it-test Ingliż tad-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB biss huwa awtentiku peress li hija l-lingwa tal-proċedura ta' adozzjoni tal-EDPB.

---

[1] ĠU L 119, 4.5.2016, paġna 1.

[2] Referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru f'din id-deċiżjoni għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

[3] Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, adottati fil-25 ta' Mejju 2018, kif modifikati l-aħħar u adottati fis-6 ta' April 2022.

**ADOTTA D-DEĊIŻJONI VINKOLANTI LI ĠEJJA**

# 1 SOMMARJU TAT-TILWIMA

1. Dan id-dokument fih deċiżjoni vinkolanti adottata mill-EDPB skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR. Din id-deċiżjoni tikkonċerna t-tilwima li qamet wara abbozz tad-deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem "**Abbozz tad-Deċiżjoni**") maħruġ mill-awtorità superviżorja Franċiża ("Commission Nationale de l'Informatique et des Libertés", minn hawn 'il quddiem l-"**FR SA**", f'dan id-dokument imsejħa wkoll l-"**LSA**") u l-okkażjoni sussegwenti li esprimiet awtorità superviżorja kkonċernata jew "**CSA**", jiġifieri l-awtorità superviżorja Pollakka ("Urząd Ochrony Danych Osobowych", minn hawn 'il quddiem il-"**PL SA**"). L-Abbozz tad-Deċiżjoni inkwistjoni huwa relatat ma' inkjesta bbażata fuq ilment imnedija mill-FR SA (minn hawn 'il quddiem l-"**Inkjesta**"), rigward jekk ACCOR SA (minn hawn 'il quddiem "**ACCOR**"), kumpanija li topera fis-settur tal-ospitalità, tikkonformax mal-obbligi tagħha skont il-GDPR. Din l-Inkjesta waslet wara diversi lmenti li tressqu kontra ACCOR mal-FR SA, kif ukoll mal-awtoritajiet superviżorji li rċevew ilmenti li ġejjin: il-PL SA, l-awtorità superviżorja Spanjola ("Agencia Española de Protección de Datos", minn hawn 'il quddiem l-"**ES SA**"), l-awtorità superviżorja tas-Sassonja t'Isfel ("Landesbeauftragte für den Datenschutz Niedersachen", minn hawn 'il quddiem id-"**DE NI SA**") l-awtorità superviżorja ta' Saarland ("Unabhängiges Datenschutzzentrum Saarland", minn hawn 'il quddiem id-"**DE SL SA**") u l-awtorità superviżorja tar-Renju Unit ("Information Commissioner's Office", minn hawn 'il quddiem il-"**UK SA**")[4].

2. Bejn Novembru 2018 u Diċembru 2019, l-FR SA rċeviet 11-il ilment kontra ACCOR. Dawn l-ilmenti kienu jikkonċernaw nuqqas ta' kunsiderazzjoni tad-dritt li toġġezzjona għar-riċeviment ta' messaġġi promozzjonali bil-posta u/jew diffikultajiet li kien hemm fl-eżerċitar tad-dritt ta' aċċess[5].

3. Malli rċeviet dawn l-ilmenti, l-FR SA kkwalifikat l-attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-ilmenti msemmijin hawn fuq bħala pproċessar transfruntier f'konformità mal-Artikolu 4(23) tal-GDPR. Peress li nstab li l-istabbiliment ewlieni tal-ACCOR (kif definit fl-Artikolu 4(16) tal-GDPR) kien fi Franza, l-FR SA ġiet identifikata bħala li li hija l-LSA, skont it-tifsira tal-GDPR, rigward l-ipproċessar transfruntier li sar mill-ACCOR[6] ,[7].

[4] Nota: Il-Paragrafu 5 tal-Abbozz tad-Deċiżjoni bi żball jirreferi għal dan l-ilment bħala li tressaq mal-awtorità superviżorja Irlandiża.
[5] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 3 u 5.
[6] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 3.
[7] L-awtoritajiet superviżorji li ġejjin ġew identifikati bħala CSAs: l-awtorità superviżorja Awstrijaka, ("Österreichische Datenschutzbehörde"), l-awtorità superviżorja Belġjana, ("Autorité de la protection des données - Gegevensbeschermingsautoriteit (APD-GBA)"), l-awtorità superviżorja Bulgara ("Commission for Personal Data Protection"), l-awtorità superviżorja Kroata ("Croatian Personal Data Protection Agency"), l-awtorità superviżorja Ċeka ("Office for Personal Data Protection"), l-awtorità superviżorja Daniża ("Datatilsynet"), l-awtorità superviżorja Estonjana ("Estonian Data Protection Inspectorate (Andmekaitse Inspektsioon)), l-awtorità superviżorja Griega("Hellenic Data Protection Authority"), l-awtorità superviżorja Irlandiża ("Data Protection Commission"), l-awtorità superviżorja Taljana ("Garante per la protezione dei dati personali"), l-awtorità superviżorja Latvjana ("Data State Inspectorate"), l-awtorità superviżorja Litwana ("State Data Protection Inspectorate"), l-awtorità superviżorja Lussemburgiża ("Commission Nationale pour la Protection des Données"), l-awtorità superviżorja Netherlandiża ("Autoriteit Persoonsgegevens"), l-awtorità superviżorja Pollakka ("Urząd Ochrony Danych Osobowych"), l-awtorità superviżorja Portugiża ("Comissão Nacional de Proteção de Dados"), l-awtorità superviżorja Rumena ("The National Supervisory Authority for Personal Data Processing"), l-awtorità superviżorja Slovakka ("Office for Personal Data Protection of the Slovak

4. It-tabella li ġejja tippreżenta sommarju ta' meta seħħew l-avvenimenti li wasslu għas-sottomissjoni tal-kwistjoni lill-mekkaniżmu ta' konsistenza.

| | |
|---|---|
| *Novembru 2018 - Diċembru 2019* | L-FR SA rċeviet ħdax-il ilment, kontra ACCOR, kumpanija stabbilita fi Franza. Ħamsa minn dawn l-ilmenti kienu trażmessi lill-FR SA mill-SAs li ġejjin li rċevew ilmenti: DE-NI SA, DE-SL SA, ES SA, UK SA u PL SA. |
| *23 ta' Diċembru 2019* | Wara l-investigazzjoni, l-FR SA issottomettiet l-ewwel abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 60(3) tal-GDPR lis-CSAs, li għalih diversi minnhom qajmu oġġezzjonijiet. Wara dan, l-FR SA iddeċidiet li twaqqaf il-proċedura tal-Artikolu 60 inkwistjoni sabiex tkompli tinvestiga l-kwistjoni[8]. |
| *11 u 24 ta' Frar 2020* | Bil-għan li tkompli tinvestiga l-kwistjoni, l-FR SA għamlet spezzjoni fl-uffiċċji ta' ACCOR fil-11 ta' Frar 2020 u saret spezzjoni online fl-24 ta' Frar 2020[9]. |
| *Frar - Awwissu 2020* | F'diversi dati, l-ACCOR bagħtet informazzjoni addizzjonali lill-FR SA permezz ta' ittri[10]. |
| *24 ta' Novembru 2020* | Ir-relatur maħtur mill-FR SA ressqet ir-rapport tagħha[11], li ntbagħat lill-ACCOR[12]. |

Republic"), l-awtorità superviżorja Slovena ("Information Commissioner of the Republic of Slovenia"), l-awtorità superviżorja Spanjola ("Agencia Española de Protección de Datos''), l-awtorità superviżorja Żvediża ("Integritetsskyddsmyndigheten"), l-awtorità superviżorja ta' Baden-Württemberg ("Der Landesbeauftragte für den Datenschutz und die Informationsfreiheit Baden-Württemberg"), l-awtorità superviżorja tal-Bavarja (settur mhux pubbliku) ("Bayerisches Landesamt für Datenschutzaufsicht"), l-awtorità superviżorja ta' Berlin ("Berliner Beauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit"), l-awtorità superviżorja ta' Brandenburg ("Die Landesbeauftragte für den Datenschutz und für das Recht auf Akteneinsicht Brandenburg"), l-awtorità superviżorja ta' Bremen ("Die Landesbeauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit der Freien Hansestadt Bremen"), l-awtorità superviżorja ta' Hamburg ("Der Hamburgische Beauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit"), l-awtorità superviżorja ta' Hesse ("Der Hessische Beauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit"), l-awtorità superviżorja tas-Sassonja t'Isfel ("Die Landesbeauftragte für den Datenschutz Niedersachsen"), l-awtorità superviżorja ta' Mecklenburg-Vorpommern ("Der Landesbeauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit Mecklenburg-Vorpommern"), l-awtorità superviżorja ta' Northein-Westfalen ("Landesbeauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit Nordrhein-Westfalen"), l-awtorità superviżorja ta' Rhineland-Pfalz ("Der Landesbeauftragte für den Datenschutz und die Informationsfreiheit Rheinland-Pfalz"), l-awtorità superviżorja ta' Saarland ("Unabhängiges Datenschutzzentrum Saarland Landesbeauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit"), l-awtorità superviżorja tas-Sassonja ("Die Sächsische Datenschutzbeauftragte"), l-awtorità superviżorja tas-Sassonja-Anhalt ("Landesbeauftragter für den Datenschutz Sachsen-Anhalt"), l-awtorità superviżorja ta' Schleswig-Holstein ("Unabhängiges Landeszentrum für Datenschutz Schleswig-Holstein") u l-awtorità superviżorja ta' Thuringia ("Thüringer Landesbeauftragter für den Datenschutz und die Informationsfreiheit").

[8] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 6-8.

[9] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 9.

[10] Ibid.

[11] Rapport li jipproponi l-impożizzjoni ta' sanzjoni fuq il-kumpanija ACCOR (minn hawn 'il quddiem ir-"**Rapport**").

[12] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 11-12.

| | |
|---|---|
| *22 ta' Diċembru 2020* | ACCOR bagħtet lill-FR SA il-kummenti bil-miktub tagħha dwar ir-rapport tar-relatur tal-FR SA[13]. |
| *28 ta' Jannar 2021* | ACCOR ippreżentat osservazzjonijiet orali dwar ir-rapport tar-relatur lill-FR SA[14]. |
| *30 ta' April 2021* | L-FR SA ikkondividiet Abbozz tad-Deċiżjoni ġdid mas-CSAs skont l-Artikolu 60(3) tal-GDPR. |
| *28 ta' Mejju 2021* | Il-PL SA qajmet tliet oġġezzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 60(4) tal-GDPR (minn hawn 'il quddiem l-**"oġġezzjonijiet tal-PL SA").** |
| *21 ta' Ottubru 2021* | Ir-relatur maħtur mill-FR SA ressqet addendum[15] għar-rapport tagħha wara s-sottomissjoni tal-oġġezzjonijiet tal-PL SA. |
| *22 ta' Ottubru 2021* | L-FR SA ikkomunikat kemm l-oġġezzjonijiet tal-PL SA kif ukoll l-Addendum tar-relatur lil ACCOR. |
| *27 ta' Ottubru 2021* | Fuq talba ta' ACCOR, l-FR SA kkondividiet l-Abbozz tad-Deċiżjoni ma' ACCOR. |
| *29 ta' Novembru 2021* | ACCOR bagħtet lill-FR SA l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha[16] dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA. |
| *13 ta' Jannar 2022* | L-FR SA adottat id-"Deliberazzjoni tal-Kumitat Ristrett nru SAN-2022-001" rigward ACCOR li fiha tipprovdi l-fehmiet tagħha dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA u tispjega għaliex iddeċidiet li ma ssegwihomx[17]. |

5. Fit-18 ta' Frar 2022, l-FR SA attivat il-proċess għas-soluzzjoni ta' tilwim permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, jiġifieri s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI). Wara s-sottomissjoni mil-LSA ta' din il-kwistjoni lill-EDPB skont l-Artikolu 60(4) tal-GDPR, is-Segretarjat tal-EDPB ivvaluta l-kompletezza tal-fajl f'isem il-President f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB. Fit-22 ta' Frar 2022, is-Segretarjat tal-EDPB kkonferma lill-FR SA li kien irċieva l-fajl.

6. Fl-istess data, it-22 ta' Frar 2022, il-PL SA infurmat lill-FR SA bl-irtirar ta' waħda mit-tliet oġġezzjonijiet tagħha. L-FR SA kkomunikat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-EDPB fit-23 ta' Marzu 2022.

[13] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 13; Il-kummenti bil-miktub tal-kumpanija ACCOR SA, 22 ta' Diċembru 2020, (minn hawn 'il quddiem l-**"osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Diċembru 2020"**).

[14] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 14; It-traskrizzjoni tas-smigħ tal-kumpanija ACCOR SA matul is-sessjoni tal-kumitat ristrett tas-CNIL fit-28 ta' Jannar 2021 (minn hawn 'il quddiem l-**"osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Jannar 2021").**

[15] Addendum tal-21 ta' Ottubru 2021 għar-rapport li jipproponi sanzjoni kontra ACCOR (minn hawn 'il quddiem l-"**Addendum**").

[16] L-osservazzjonijiet bil-miktub ta' ACCOR SA, 29 ta' Novembru 2021, (minn hawn 'il quddiem l-**"osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Novembru 2021"**).

[17] Deliberazzjoni tal-Kumitat Ristrett nru SAN-2022-001 rigward il-kumpanija ACCOR SA, 13 ta' Jannar 2022 (minn hawn 'il quddiem id-"**Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA**").

7. Fil-15 ta’ Marzu 2022, is-Segretarjat tal-EDPB ikkuntattja lill-FR SA biex jitlob dokumenti u informazzjoni addizzjonali. Wara din it-talba, l-FR SA ssottomettiet informazzjoni addizzjonali lis-Segretarjat tal-EDPB fit-22 u t-23 ta’ Marzu 2022 u enfasizzat li kienet ser tintbagħat aktar informazzjoni.

8. Fil-25 ta’ Marzu 2022, il-PL SA kkonfermat lis-Segretarjat tal-EDPB li ma kienx għad hemm tilwima rigward waħda miż-żewġ oġġezzjonijiet li kien jifdal.

9. Fil-11 ta’ April 2022, l-FR SA ssottomettiet 17-il dokument addizzjonali fuq IMI.

10. Fit-22 ta’ April 2022, is-Segretarjat tal-EDPB ikkuntattja lill-FR SA biex isaqsi xi mistoqsijiet ta’ segwitu rigward il-kompletezza tal-fajl li għalihom l-FR SA wieġbet fis-26 ta’ April 2022.

11. Fis-27 ta’ April 2022, wara li l-FR SA u l-President tal-EDPB ikkonfermaw il-kompletezza tal-fajl, is-Segretarjat tal-EDPB, f’isem il-President, iċċirkola l-fajl lill-Membri kollha tal-EDPB.

12. Kwistjoni li ġiet eżaminata speċifikament mis-Segretarjat tal-EDPB kienet tirrigwarda d-dritt li tinstema’, kif meħtieġ mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-15 ta’ Marzu 2022, is-Segretarjat għamel kuntatt mal-FR SA sabiex jikkonferma, *inter alia*, jekk ACCOR ingħatatx l-opportunità li teżerċita d-dritt tagħha li tinstema’ fir-rigward tad-dokumenti kollha li ġew sottomessi lill-EDPB biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu. Barra minn hekk, fid-29 ta’ April 2022, il-President tal-EDPB għamel kuntatt ma’ ACCOR sabiex joffrilha l-opportunità li teżerċita d-dritt tagħha li tinstema’ mill-EDPB rigward it-tilwima. ACCOR ipprovdiet il-kummenti tagħha fit-13 ta’ Mejju 2022[18]. Aktar dettalji dwar dan is-suġġett huma disponibbli fit-Taqsima 3 hawn taħt.

13. Il-President iddeċieda, f’konformità mal-Artikolu 65(3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 11(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-EDPB, li jestendi l-iskeda ta’ żmien awtomatika għall-adozzjoni ta’ xahar b’xahar ieħor minħabba l-kumplessità tas-suġġett ta’ din it-tilwima.

# 2 KUNDIZZJONIJIET GĦALL-ADOZZJONI TA’ DEĊIŻJONI VINKOLANTI

14. Il-kundizzjonijiet ġenerali għall-adozzjoni ta’ deċiżjoni vinkolanti mill-EDPB huma stabbiliti fl-Artikolu 60(4) u l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR[19].

## 2.1 Oġġezzjoni espressa minn CSA fir-rigward ta’ abbozz tad-deċiżjoni

15. L-EDPB jinnota li l-PL SA qajmet, u ssottomettiet permezz tal-IMI, oġġezzjoni għall-Abbozz tad-Deċiżjoni rigward l-ammont tal-multa li l-FR SA ppproponiet li tiġi imposta kontra ACCOR. L-oġġezzjoni tqajmet skont l-Artikolu 60(4) tal-GDPR u sa l-iskadenza stabbilita fih.

16. L-awtorità superviżorja Portugiża (“Comissão Nacional de Proteção de Dados”), pprovdiet kummenti dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni. Peress li dawn il-kummenti minnhom infushom mhumiex oġġezzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR, ma jistgħux jattivaw il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta’

[18] Osservazzjonijiet ta’ ACCOR SA, 13 ta’ Mejju 2022, (minn hawn ’il quddiem l-“**osservazzjonijiet ta’ ACCOR ta’ Mejju 2022**”).

[19] Skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, l-EDPB għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti meta awtorità superviżorja kkonċernata tkun qajmet oġġezzjoni rilevanti u motivata għal abbozz ta’ deċiżjoni tal-LSA u l-LSA ma tkunx ħadet azzjoni dwar l-oġġezzjoni jew l-LSA tkun irrifjutat tali oġġezzjoni bħala mhux rilevanti jew motivata.

tilwim tal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR u għalhekk, mhumiex parti mill-ambitu ta’ din id-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB[20].

## 2.2 L-LSA ma ssegwix l-oġġezzjoni rilevanti u motivata għall-abbozz tad-deċiżjoni

17. Fid-Deliberazzjoni tagħha dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA[21], l-FR SA ddeċidiet li ma ssegwix l-oġġezzjoni mqajma mill-PL SA u li tirreferi l-kwistjoni għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta’ tilwim skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR.

## 2.3 Konklużjonijiet dwar il-kompetenza tal-EDPB

18. Il-każ inkwistjoni jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, peress li s-CSA qajmet oġġezzjoni għall-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-LSA sal-iskadenza prevista mill-Artikolu 60(4) tal-GDPR, u l-LSA ma segwietx din l-oġġezzjoni.

19. L-EDPB jinnota li l-Abbozz tad-Deċiżjoni jikkonċerna mhux biss kwistjonijiet fl-ambitu tal-GDPR, iżda wkoll kwistjonijiet fl-ambitu tad-Direttiva 2002/58/KE (minn hawn ’il quddiem id-“**Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika**”) u t-traspożizzjoni nazzjonali rilevanti tagħha, B’mod aktar speċifiku, l-Abbozz tad-Deċiżjoni jipprevedi l-impożizzjoni ta’ multa għall-ksur tal-GDPR u l-impożizzjoni ta’ multa għal ksur tal-Kodiċi Franċiż dwar il-Komunikazzjoni bil-Posta u l-Komunikazzjoni Elettronika, li jittrasponi d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika fi Franza. L-EDPB mhuwiex kompetenti biex joħroġ deċiżjoni vinkolanti dwar kwistjonijiet li jaqgħu esklussivament fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Din id-deċiżjoni vinkolanti ma tindirizzax il-partijiet tal-Abbozz tad-Deċiżjoni li jikkonċernaw it-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

20. Għalhekk, l-EDPB huwa kompetenti biex jadotta deċiżjoni vinkolanti dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-GDPR li huma s-suġġett tal-oġġezzjoni rilevanti u motivata tal-PL SA, b’mod partikolari dwar jekk hemmx ksur tal-GDPR jew jekk azzjoni prevista b’rabta mal-kontrollur jew il-proċessur tikkonformax mal-GDPR.

21. Ir-riżultati kollha f’din id-deċiżjoni huma mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni jew deċiżjoni vinkolanti magħmula f'każijiet oħra mill-EDPB, inkluż rigward l-istess partijiet, skont sejbiet ulterjuri u/jew sejbiet ġodda.

# 3 ID-DRITT GĦAL AMMINISTRAZZJONI TAJBA

22. L-EDPB huwa soġġett għall-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, (id-dritt għal amministrazzjoni tajba). Dan huwa rifless ukoll fl-Artikolu 11 tar-Regoli tal-Proċedura tal-EDPB.

23. Skont l-Artikolu 65(2) tal-GDPR, id-deċiżjoni tal-EDPB “għandha tkun motivata u indirizzata lill-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati kollha u tkun vinkolanti għalihom”. L-Artikolu 65(2) tal-GDPR jirrifletti l-fatt li d-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB għandha l-għan li ssolvi tilwima li tkun inqalgħet bejn żewġ awtoritajiet superviżorji nazzjonali jew aktar[22]. Din ma għandhiex l-għan li tindirizza b’mod dirett kwalunkwe parti terza. Madankollu, peress li d-deċiżjoni adottata mill-EDPB għandha tkun vinkolanti fuq l-SAs ikkonċernati, inkluż l-LSA, u tista’ tkun deċiżiva għar-riżultat tal-

[20] Ara l-Linji Gwida tal-EDPB 3/2021, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, (minn hawn ’il quddiem il-“**Linji Gwida dwar l-Art. 65(1)(a)**”), paragrafu 17.

[21] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafu 18.

[22] Linji Gwida dwar l-Art. 65(1)(a), paragrafu 97.

proċeduri fil-livell nazzjonali, jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk din tistax taffettwa l-interessi ta' persuni li kienu parti mill-proċedura li tat lok għall-Abbozz tad-Deċiżjoni, bħall-kontrollur li jkun indirizzat mid-deċiżjoni finali tal-LSA[23].

24. L-ewwel nett, bil-għan li jindirizza d-dritt possibbli li tinstema' ta' ACCOR, l-EDPB vvaluta jekk ACCOR kinitx diġà ġiet offruta l-opportunità li teżerċita d-dritt tagħha li tinstema' b'rabta mas-suġġett tat-tilwima li għandha tissolva mill-EDPB fil-livell nazzjonali dwar id-dokumenti rċevuti f'din il-proċedura u użati mill-EDPB biex jieħu d-deċiżjoni vinkolanti tiegħu[24].

25. Fid-29 ta' April 2022, il-President tal-EDPB ikkuntattja lil ACCOR biex jinfurmaha li l-każ ġie riferut lill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR. Fl-istess ittra, il-President tal-EDPB ġibed l-attenzjoni ta' ACCOR għall-fatt li l-PL SA ma kinitx għadha tikkunsidra li kien hemm tilwima rigward tnejn mit-tliet oġġezzjonijiet li kienet ressqet inizjalment u li għalhekk, is-suġġett tad-deċiżjoni vinkolanti tal-EDPB ikun l-oġġezzjoni li jifdal dwar il-livell tal-multa. L-iskop ta' din l-ittra kien ukoll li tagħti lil ACCOR id-dritt li tinstema' dwar dokumenti tal-fajl li sa dak iż-żmien kien għadha ma kellhiex l-opportunità li taqsam il-fehmiet tagħha dwarhom. Il-President tal-EDPB offra lil ACCOR opportunità li tipprovdi kwalunkwe osservazzjoni dwar dawn id-dokumenti sat-13 ta' Mejju 2022. Fit-13 ta' Mejju 2022, ACCOR bagħtet l-osservazzjonijiet tagħha (l-osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Mejju 2022) u l-verżjoni oriġinali Franċiża tal-osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Novembru 2021. Wara din is-sottomissjoni, l-EDPB qies li ACCOR kienet ingħatat l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha b'mod effettiv b'rabta mas-suġġett tat-tilwima li għandha tiġi solvuta mill-EDPB.

26. Fid-dawl tal-ambitu tat-tilwima sottomessa lill-EDPB u taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-President tal-EDPB iddeċieda li ma jagħtix lill-ilmentaturi dritt li jinstemgħu qabel il-ħruġ ta' din id-deċiżjoni vinkolanti peress li d-deċiżjoni tal-EDPB li tindirizza oġġezzjoni dwar il-livell tal-multa aktarx li ma taffettwax is-sitwazzjoni legali tagħhom.

# 4 L-ISTRUTTURA TAD-DEĊIŻJONI VINKOLANTI

27. Rigward l-oġġezzjoni mqajma mis-CSA, l-EDPB l-ewwel għandu jivvaluta jekk għandhiex tiġi kkunsidrata bħala "rilevanti u motivata" fis-sens tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR kif iċċarat fil-Linji Gwida dwar oġġezzjoni rilevanti u motivata[25].

28. Meta l-EDPB isib li oġġezzjoni (jew parti minnha) ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma minn dik (il-parti ta') l-oġġezzjoni fil-każ inkwistjoni. Il-merti tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma minn oġġezzjoni għandhom jiġu indirizzati mill-EDPB jekk l-oġġezzjoni titqies li tkun rilevanti u motivata biss[26].

---

[23] Linji Gwida dwar l-Art. 65(1)(a), paragrafi 98-99.
[24] Linji Gwida dwar l-Art. 65(1)(a), paragrafi 105-106.
[25] Linji Gwida tal-EDPB 9/2020 dwar oġġezzjoni rilevanti u motivata skont ir-Regolament 2016/679, verżjoni 2 adottata fid-9 ta' Marzu 2021, (minn hawn 'il quddiem, "**Linji Gwida dwar l-RRO**").
[26] Ara l-Linji Gwida dwar l-Art. 65(1)(a), paragrafu 63 (li jgħid: "L-EDPB ser jivvaluta, b'rabta ma' kull oġġezzjoni li titqajjem, jekk l-oġġezzjoni tkunx tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR u, jekk iva, jindirizza l-merti tal-oġġezzjoni fid-deċiżjoni vinkolanti.")

# 5 DWAR IL-MIŻURI KORRETTIVI - B'MOD PARTIKOLARI, IL-KALKOLU TAL-MULTA AMMINISTRATTIVA

## 5.1 Analiżi mil-LSA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni

29. L-Abbozz tad-Deċiżjoni jelenka l-kriterji li l-FR SA kkunsidrat meta ddeċidiet jekk timponix multa amministrattiva u dwar l-ammont tal-multa[27].

30. Fl-Abbozz tad-Deċiżjoni l-FR SA indikat li "fl-2019, il-Kumpanija [ACCOR] iġġenerat dħul ta' EUR 1,2 biljun u qligħ nett ta' EUR 208 miljun. Dan id-dħul naqas b'54 % bejn l-2019 u l-2020"[28].

31. Rigward in-natura u s-serjetà tal-ksur, l-FR SA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha l-ewwel ħadet nota tan-numru ta' ksur minn ACCOR, jiġifieri: "[...] nuqqas ta' informazzjoni faċilment aċċessibbli u kompluta dwar l-ipproċessar li twettaq, diffikultajiet affaċċjati fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom minn ilmentaturi u difetti fis-sigurtà tad-*data*"[29]. F'dan ir-rigward, l-Abbozz tad-Deċiżjoni enfasizza li dawn in-nuqqasijiet ta' konformità mal-GDPR kienu jikkonċernaw diversi prinċipji fundamentali tal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u li dawn kienu jikkostitwixxu "ksur sostanzjali" tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*[30]. L-Abbozz tad-Deċiżjoni kkunsidra wkoll "in-numru partikolarment għoli ta' persuni milquta minn dan il-ksur mill-2019, [redacted] miljun persuna rċeviet mill-anqas wieħed mill-bulettini tal-grupp ACCOR fuq indirizz tal-posta elettronika validu"[31].

32. Finalment, l-Abbozz tad-Deċiżjoni fakkar ukoll li l-ksur inkwistjoni "kellu konsegwenzi diretti għas-suġġetti tad-*data*, kif juri l-fatt li s-CNIL irċieva ħdax-il ilment relatat b'mod partikolari mad-dritt li toġġezzjona għal messaġġi promozzjonali"[32].

33. Abbażi tar-raġunament t'hawn fuq, l-FR SA kkonkludiet fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha li għandha tiġi imposta multa fuq ACCOR[33].

34. B'rabta mad-determinazzjoni tal-ammont massimu tal-multa, l-FR SA indikat li "l-Artikolu 83(3) tar-Regolament jipprevedi li f'każ ta' ksur multiplu [...] l-ammont totali tal-multa ma jistax jeċċedi l-ammont stabbilit għall-aktar ksur serju"[34]. L-FR SA sabet li ACCOR kisret l-Artikoli 12(1), 12(3), 13, 15(1), 21(2) u 32 tal-GDPR u fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha pprevediet li "l-multa massima li tista' tiġi imposta hija EUR 20 miljun jew 4 % tal-fatturat globali annwali, skont liema jkun l-ogħla"[35].

35. Meta vvalutat il-proporzjonalità tal-multa, l-FR SA kkunsidrat li ACCOR kienet irrimedjat il-ksur kollu identifikat fl-Abbozz tad-Deċiżjoni u li, "xi wħud minnu b'rabta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-individwi, ma kienx ta' natura strutturali"[36]. Barra minn hekk, l-Abbozz tad-Deċiżjoni nnota li ACCOR

---

[27] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 78-88.
[28] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 2. Matul il-valutazzjoni tal-kompletezza tal-fajl, l-FR SA ċċarat li r-referenza għad-"dħul" ta' ACCOR fl-Abbozz tad-Deċiżjoni għandu jinftiehem bħala referenza għall-fatturat tagħha.
[29] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 80.
[30] Ibid.
[31] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 81.
[32] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 82.
[33] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 83.
[34] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 84.
[35] Ibid.
[36] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 86.

ikkooperat bis-sħiħ mal-FR SA[37]. Apparti minn dan, l-FR SA kkunsidrat is-sitwazzjoni finanzjarja ta' ACCOR, li rrapportat "tnaqqis ta' 54 % fil-fatturat bejn l-2019 u l-2020"[38].

36. L-FR SA kkonkludiet fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha li fid-dawl tal-"kuntest ekonomiku kkawżat mill-kriżi tas-saħħa tal-Covid-19, il-konsegwenzi tagħha fuq is-sitwazzjoni finanzjarja [ta' ACCOR]", kif ukoll "il-kriterji rilevanti ta' Artikolu 83(2) imsemmijin hawn fuq", l-FR SA ddeċidiet li timponi multa ta' EUR 100 000 għall-ksur tal-GDPR identifikat[39].

## 5.2 Sommarju tal-oġġezzjoni mqajma mill-PL SA

37. L-oġġezzjoni mqajma mill-PL SA tikkonċerna l-ammont tal-multa stabbilit fl-Abbozz tad-Deċiżjoni.

38. Il-PL SA fl-oġġezzjoni tagħha targumenta li l-ammont li l-LSA pproponiet għall-multa amministrattiva huwa baxx wisq għal kontrollur bħal ACCOR u li l-multa ma tkunx effettiva, proporzjonali u dissważiva kif meħtieġ fl-Artikolu 83(1) tal-GDPR. Għaldaqstant, il-PL SA tikkonkludi li "l-abbozz tad-deċiżjoni għandu jiġi rivedut kif meħtieġ u għandha tiġi proposta multa finanzjarja ogħla għall-ksur li nstab f'dan il-każ, sabiex il-multa tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' miżura proporzjonali, effettiva u dissważiva"[40].

39. Rigward is-serjetà tal-ksur, il-PL SA tagħmel referenza għall-fatturi li ġejjin tal-Artikolu 83(2)(a) tal-GDPR li għandhom jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata s-severità: "in-natura, ambitu jew skop tal-ipproċessar, kif ukoll in-numru ta' suġġetti tad-*data* u l-livell ta' ħsara li ġarrbu"[41]. F'dan ir-rigward, il-PL SA tgħid li d-dispożizzjonijiet li nkisru u n-natura transfruntiera tal-ipproċessar jindikaw li l-ksur huwa gravi ħafna u li għalhekk, il-multa proposta missha kienet ogħla[42].

40. Rigward il-valutazzjoni tal-multa skont 83(1) tal-GDPR relatata mad-dmir li jiġu imposti multi li f'kull każ individwali huma effettivi, proporzjonali u dissważivi, il-PL SA tqajjem it-tħassib li ġej.

41. L-ewwel nett, il-PL SA tinnota li missha ġiet inkluża aktar informazzjoni fl-Abbozz tad-Deċiżjoni rigward il-fatturat ta' ACCOR. F'dan ir-rigward, il-PL SA targumenta li peress li l-fatturat tal-kumpanija mhuwiex ipprovdut fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, l-informazzjoni fl-Abbozz tad-Deċiżjoni "mhijiex suffiċjenti biex jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa proposta", minħabba li l-fatturat annwali tal-kontrollur "jista' jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tal-multa"[43].

42. Barra minn hekk, rigward il-proporzjonalità, il-PL SA tindika li l-Abbozz tad-Deċiżjoni ma jipprovdix evidenza li multa ogħla tista' timmina b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ta' ACCOR. Skont il-PL SA, il-proporzjonalità tal-multa "tapplika għas-solvenza tal-entità sanzjonata. Madankollu, bil-għan li jitbaxxa l-ammont tal-multa għal din ir-raġuni, irid ikun hemm evidenza oġġettiva li l-impożizzjoni tal-multa tkun tesponi b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà tal-kumpanija kkonċernata u tkun tirriżulta fit-telf tal-valur kollu tal-assi tagħha"[44]. Għaldaqstant, il-PL SA kkonkludiet li "meta jiġi kkunsidrat il-fatturat [ta' ACCOR] li ammonta għal EUR 1 621 000 000 fl-2020, [...], huwa verament improbabbli li s-solvenza [ta' ACCOR]

[37] Ibid.
[38] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 87.
[39] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 88 u 92.
[40] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 4.
[41] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 2.
[42] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 2.
[43] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 2.
[44] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġni 2.

tkun mhedda minn multa anke ogħla b'diversi drabi, minkejja t-telf reġistrat matul il-pandemija tal-Covid-19"[45].

43. Rigward id-dissważività tal-multa, il-PL SA tqis li l-ammont tal-multa huwa baxx wisq għal kumpanija b'fatturat għoli daqs dak ta' ACCOR biex effettivament isservi ta' deterrent għaliha milli twettaq ksur simili fil-futur. Barra minn hekk, il-PL SA hija tal-fehma li l-multa ssuġġerita ma tkunx deterrent suffiċjenti għal kumpaniji oħrajn b'fatturat simili għal dak ta' ACCOR. F'dak ir-rigward, il-PL SA tgħid li l-livell tal-multa proposta mil-LSA tibgħat sinjal ċar lil kumpaniji oħrajn li jistgħu joqogħdu lura milli jinvestu wisq biex ikunu konformi mal-protezzjoni tad-*data*, peress li l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* tista' tkun teħtieġ investiment finanzjarju ogħla minn multa possibbli[46].

44. Il-PL SA hija tal-fehma li sakemm ma jsirux bidliet fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, dan ser iġib miegħu riskju għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*, u b'mod partikolari riskju ta' ksur tal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Rigward dan, il-PL SA spjegat li l-iskop tal-miżuri korrettivi huwa li jiskoraġġixxu ksur tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u li għal din ir-raġuni, l-impożizzjoni ta' rimedju li mhuwiex proporzjonali, dissważiv u effettiv mhuwiex ser jissodisfa dan l-iskop "li jindika l-importanza tar-riskju li jinkisru d-drittijiet jew il-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* inkluż il-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom, li huwa dritt fundamentali skont l-Art. 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"[47].

## 5.3 Pożizzjoni tal-LSA dwar l-oġġezzjoni

45. Fid-Deliberazzjoni tagħha dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, l-FR SA esprimiet l-opinjoni li l-oġġezzjoni tal-PL SA hija espressa f'termini wesgħin u ma tipproponix firxa ta' ammonti li hija tqis xierqa għal multa u lanqas ma tagħmel referenza għall-ebda preċedent rilevanti. Fl-opinjoni tal-FR SA, il-PL SA essenzjalment tirreferi għas-solvenza u l-fatturat ta' ACCOR biex tiġġustifika l-ħtieġa li jiżdied l-ammont tal-multa. Madankollu, l-FR SA hija tal-fehma li għalkemm il-fatturat huwa element sinifikanti li għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi determinat il-livell tal-multa, il-kriterji l-oħrajn previsti mill-Artikolu 83(2) tal-GDPR, li fosthom hemm is-serjetà tal-ksur imwettaq, għandhom jitqiesu wkoll[48].

46. L-FR SA spjegat ukoll li biex iddeterminat il-livell tal-multa kontra ACCOR, kienet qieset li l-ksur inkwistjoni ma kienx ta' natura strutturali, u li wara l-investigazzjoni tal-FR SA, ACCOR kienet ħadet miżuri biex tikkoreġi l-ksur inkwistjoni[49]. Barra minn dan, l-FR SA ċċarat li kienet qieset it-tnaqqis sinifikanti fil-fatturat ta' ACCOR bejn 2019-2020 bħala fattur mitiganti skont l-Artikolu 83(2)(k) tal-GDPR, minħabba l-impatt serju tal-kriżi tas-saħħa tal-Covid-19 fuq is-settur tal-lukandi[50].

47. Għaldaqstant, abbażi tar-raġunament t'hawn fuq, l-FR SA kkonkludiet fl-opinjoni tagħha li l-multa kienet effettiva, proporzjonali u dissważiva[51].

[45] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġni 2- 3.
[46] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 3.
[47] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġni 3-4.
[48] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafu 13.
[49] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafi 14-15. Wieħed għandu jinnota li l-Linji gwida dwar l-applikazzjoni u l-iffissar ta' multi amministrattivi għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP 253, jindikaw speċifikament li ma jkunx xieraq li tingħata attenzjoni addizzjonali lill-kooperazzjoni li hija diġà meħtieġa minn dik il-liġi (paġna 14). F'dan ir-rigward ara wkoll l-Artikolu 31 tal-GDPR.
[50] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafu 16.
[51] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafu 17.

## 5.4 Analiżi tal-EDPB

### 5.4.1 Valutazzjoni dwar jekk l-oġġezzjoni kinitx rilevanti u motivata

48. L-ewwel nett, l-EDPB jinnota li l-LSA ma tikkontestax jekk l-oġġezzjoni hijiex rilevanti u motivata[52].

49. Rigward ir-rilevanza tal-oġġezzjoni, l-oġġezzjoni tal-PL SA tikkonċerna l-ammont tal-multa stabbilita fl-Abbozz tad-Deċiżjoni[53]. Għalhekk, hemm rabta diretta bejn l-oġġezzjoni u l-Abbozz tad-Deċiżjoni. Madankollu, wieħed għandu jinnota li għalkemm il-PL SA fl-oġġezzjoni tagħha tirreferi għall-ammont tal-multa inġenerali, jiġifieri inkluża l-multa li kienet stabbilixxiet l-FR SA għal ksur relatati mad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni vinkolanti, kif spjegat fil-paragrafi 18-21 hawn fuq, f'din id-deċiżjoni, l-EDPB ma jindirizzax il-partijiet tal-Abbozz tad-Deċiżjoni li jikkonċernaw it-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

50. Barra minn dan, fl-oġġezzjoni tagħha, il-PL SA tqis li l-multa proposta fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tista' tkun ineffettiva, sproporzjonata u mhux dissważiva fil-kuntest ta' dan il-każ. Apparti minn hekk, il-PL SA titlob li jiġi speċifikat il-fatturat tal-kumpanija fis-sena ta' qabel u tressaq l-argument li għandha tiġi imposta multa ogħla biex jiġi żgurat li l-multa hija proporzjonali, effettiva u dissważiva f'konformità mal-Artikolu 83(1) tal-GDPR, u b'hekk tindika kif jekk tiġi segwita l-oġġezzjoni dan isarraf f'bidla fl-Abbozz tad-Deċiżjoni. Għaldaqstant, l-oġġezzjoni inkwistjoni tikkonċerna "jekk l-azzjoni prevista fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tikkonformax mal-GDPR" . Jekk tiġi segwita, l-oġġezzjoni tirriżulta f'eżitu differenti fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, jiġifieri żieda fl-ammont tal-multa. Għal dawn ir-raġunijiet, l-EDPB jikkunsidra l-oġġezzjoni bħala rilevanti.

51. ACCOR argumentat li l-oġġezzjoni mhijiex motivata, peress li l-PL SA "[...] tesprimi l-oġġezzjoni tagħha biss fl-għamla ta' kummenti astratti u ġenerali mingħajr ma tibbaża lilha nnifisha fuq il-fatti tal-każ u mingħajr ma tieħu f'kunsiderazzjoni l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti fl-Abbozz tad-Deċiżjoni"[54]. Fl-opinjoni ta' ACCOR, barra minn hekk l-oġġezzjoni ma tiġġustifikax konklużjoni differenti minn dik tal-FR SA[55].

52. L-EDPB jaqbel parzjalment mal-opinjoni ta' ACCOR. B'mod partikolari, rigward il-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-multa b'rabta mas-serjetà tal-ksur (Artikolu 83(2)(a) tal-GDPR), l-EDPB iqis li l-PL SA ma tressaq l-ebda raġunament sostanzjat li jappoġġja din l-allegazzjoni. B'mod partikolari, l-oġġezzjoni ma tispjegax kif "id-dispożizzjonijiet li ġew miksura u n-natura transfruntiera tal-ipproċessar"[56] misshom ġew ivvalutati u bbilanċjati b'mod differenti mil-LSA għall-iskop tal-valutazzjoni tas-serjetà tal-ksur. B'mod aktar speċifiku, meta jitqies li l-LSA kienet diġà sabet li l-ksur huwa "sostanzjali"[57], il-PL SA tonqos milli tispjega kif il-livell ta' serjetà fl-Abbozz tad-Deċiżjoni jinbidel jekk il-fatturi li l-PL SA qiegħda tipproponi jiġu vvalutati b'mod differenti mil-LSA. Għalhekk, l-EDPB ma jsibx li din il-parti tal-oġġezzjoni hija motivata biżżejjed.

53. Madankollu, l-EDPB jinnota li l-kumplament tal-oġġezzjoni tal-PL SA hija motivata biżżejjed rigward kif l-Abbozz tad-Deċiżjoni jonqos milli jivvaluta u japplika l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tal-GDPR kif xieraq. Rigward l-argument tal-PL SA dwar in-nuqqas ta' informazzjoni fl-Abbozz tad-Deċiżjoni dwar il-fatturat, il-PL SA tipprovdi elementi fattwali abbażi tal-Abbozz tad-Deċiżjoni u informazzjoni disponibbli pubblikament dwar il-fatturat ta' ACCOR. Skont il-PL SA, l-allegat nuqqas ta' informazzjoni dwar il-

[52] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafi 11-18.
[53] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġni 1-3.
[54] Osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Novembru 2021, taqsima 2.1, paġna 2.
[55] Osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Novembru 2021, taqsima 2.1, paġna 3.
[56] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 2.
[57] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 80.

fatturat ta’ ACCOR seta’ wassal għal valutazzjoni skorretta tal-multa fl-Abbozz tad-Deċiżjoni. Barra minn hekk, rigward il-proporzjonalità tal-multa, il-PL SA tipprovdi argumenti legali dwar kif, fil-fehma tagħha, l-Abbozz tad-Deċiżjoni b’mod żbaljat inaqqas l-ammont tal-multa minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u għalhekk għandha tiġi imposta multa ogħla. B’mod speċifiku, il-PL SA tqis li “bil-għan li jitnaqqas l-ammont tal-multa [fuq il-bażi tas-solvenza tal-kumpanija], irid ikun hemm evidenza oġġettiva li l-impożizzjoni tal-multa tkun tesponi b’mod irrimedjabbli l-vijabbiltà tal-kumpanija kkonċernata u tkun tirriżulta fit-telf tal-valur kollu tal-assi tagħha”[58]. Finalment, il-PL SA tipprovdi argumenti legali li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta’ multa amministrattiva ogħla fl-Abbozz tad-Deċiżjoni sabiex tiġi żgurata d-dissważività tagħha skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, billi tgħid li tali livell ta’ multa jista’ jipprevjeni lil ACCOR u lil organizzazzjonijiet oħra milli jkunu skoraġġuti li jwettqu ksur simili fil-futur. Għal dawn ir-raġunijiet, skont il-PL SA, “l-abbozz tad-deċiżjoni mhux mibdul iġib miegħu riskju għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*, u b’mod partikolari r-riskju ta’ ksur tal-Art. 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.”[59]

54. Fid-dawl ta’ dan t’hawn fuq, l-EDPB jinnota li l-PL SA tispjega għaliex tipproponi li jiġi emendat l-Abbozz tad-Deċiżjoni u tispjega l-fehma tagħha dwar is-sinifikat tar-riskji maħluqa mill-Abbozz tad-Deċiżjoni għas-suġġetti tad-*data*. Għaldaqstant, l-EDPB iqis li l-parti tal-oġġezzjoni relatata mal-Artikolu 83(1) tal-GDPR hija motivata.

55. B’riżultat ta’ dan, l-EDPB iqis li l-oġġezzjoni mqajma mill-PL SA hija parzjalment rilevanti u motivata skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR (għall-parti relatata mal-applikazzjoni tal-Art.83(1) tal-GDPR). Għalhekk, għandhom jiġu vvalutati biss il-merti tal-kwistjonijiet sostanzjali mqajma mill-PL SA fil-partijiet tal-oġġezzjoni li nstabu li huma rilevanti u motivati.

### 5.4.2 Valutazzjoni dwar il-merti

56. L-EDPB iqis li l-parti tal-oġġezzjoni li nstabet li hija rilevanti u motivata rigward l-Artikolu 83(1) tal-GDPR titlob valutazzjoni tal-merti tagħha rigward jekk fil-każ inkwistjoni, l-Abbozz tad-Deċiżjoni: (i) għandux informazzjoni nieqsa dwar il-fatturat rilevanti għall-iffissar tal-ammont tal-multa; (ii) f’termini tal-proporzjonalità tal-multa, għandux jagħti tnaqqis tal-multa lil ACCOR minkejja t-telf li rreġistrat matul il-pandemija tal-Covid-19; u (iii) jipproponix multa li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta’ dissważività stabbilit fl-Artikolu 83(1) tal-GDPR.

57. F’dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar li l-mekkaniżmu ta’ konsistenza jista’ jintuża wkoll biex jippromwovi applikazzjoni konsistenti tal-multi amministrattivi[60].

*Kwistjoni preliminari: il-fatturat rilevanti għall-iffissar tal-ammont tal-multa*

58. Fl-oġġezzjoni tagħha, il-PL SA qalet li l-Abbozz tad-Deċiżjoni ma jipprovdix l-ammont ta’ fatturat annwali ta’ ACCOR fl-2020 li, skont id-dispożizzjonijiet tal-GDPR dwar multi amministrattivi, jista’ jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tal-ammont tal-multa[61]. Il-PL SA kompliet tispjega li l-fatturat annwali

[58] Ibid.
[59] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġni 2- 3.
[60] Ara l-GDPR, Premessa 150; Linji Gwida dwar l-RRO, paragrafu 34 u Linji Gwida dwar l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, paragrafu 91.
[61] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 2.

ta' ACCOR fl-2020 li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni bħala l-bażi għall-kalkolu tal-ammont massimu tal-multa huwa ta' EUR 1 621 000 000[62].

59. ACCOR esprimiet il-fehma li l-ammont tal-multa indikat mill-PL SA fl-oġġezzjoni tagħha huwa fattwalment skorrett. F'dan ir-rigward, ACCOR indikat li l-fatturat tagħha fl-2020 kien ta' EUR 531 000 000 u mhux ta' 1 621 000 000,[63] kif indikat mill-PL SA.

60. L-EDPB jinnota li l-oġġezzjoni tal-PL SA tirreferi għall-fatturat konsolidat tal-Grupp ACCOR kollu fl-2020, filwaqt li l-Abbozz tad-Deċiżjoni jirreferi għall-fatturat tal-kontrollur biss, jiġifieri ACCOR SA fl-2019. Peress li l-intrapriża li għandha tiġi kkunsidrata għad-determinazzjoni tal-fatturat rilevanti ma ġietx ikkontestata mill-PL SA fl-oġġezzjoni tagħha, l-EDPB isib li ma għandux joħroġ deċiżjoni dwar jekk l-LSA għandhiex temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward.

61. Barra minn hekk, l-EDPB preċedentement iddeċieda li l-fatturat ta' intrapriża mhuwiex rilevanti esklussivament għad-determinazzjoni tal-ammont massimu tal-multa f'konformità mal-Artikolu 83(4)-(6) tal-GDPR, iżda għandu jiġi kkunsidrat ukoll għall-kalkolu reali tal-multa[64]. Għalhekk, l-EDPB iqis li ċ-ċifra tal-fatturat hija element importanti li għandha ssir referenza għalih fl-Abbozz tad-Deċiżjoni. Apparti minn hekk, l-EDPB ifakkar li d-data tad-deċiżjoni finali meħuda mil-LSA skont l-Artikolu 65(6) tal-GDPR, hija l-avveniment li minnu għandha tiġi kkunsidrata s-sena finanzjarja preċedenti[65]. Madankollu, fil-kuntest fejn abbozz tad-deċiżjoni huwa ċċirkolat minn LSA lis-CSAs skont l-Artikolu 60(3) tal-GDPR, l-EDPB jaqbel mal-approċċ li dan l-abbozz tad-deċiżjoni għandu jinkludi ċifra proviżorja bbażata fuq l-aktar informazzjoni finanzjarja aġġornata disponibbli f'dak il-mument[66].

62. Barra minn hekk, l-EDPB jinnota li l-Abbozz tad-Deċiżjoni nħareġ fit-30 ta' April 2021. Matul il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, l-FR SA ċċarat li, sa dak iż-żmien, kienet disponibbli biss id-dikjarazzjoni finanzjarja għall-2019, filwaqt li d-dikjarazzjoni finanzjarja għall-2020 kienet għadha trid titressaq. B'riżultat ta' dan, fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha[67], l-FR SA rreferiet b'mod espliċitu għall-fatturat iġġenerat minn ACCOR fl-2019 biss, billi indikat li l-fatturat ta' ACCOR naqas b'54 % bejn l-2019 u l-2020, abbażi ta' kalkolu proviżorju li ACCOR kienet ipprovdiet lill-FR SA. Għalhekk, għalkemm il-fatturat mill-2020 ma jissemmiex espliċitament fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, l-Abbozz tad-Deċiżjoni jinkludi dik li kienet l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar ir-riżultati finanzjarji ta' ACCOR, u jippermetti l-identifikazzjoni ta' stima tal-fatturat tal-2020 billi jsir kalkolu tal-46 % tal-fatturat tal-2019, li ġie pprovdut fl-Abbozz tad-Deċiżjoni. Għaldaqstant, bil-maqlub ta' dak li qed issostni l-PL SA, l-Abbozz tad-Deċiżjoni fil-fatt ipprovda informazzjoni dwar il-fatturat ta' ACCOR għall-2020, għalkemm b'mod indirett u abbażi ta' *data* proviżorja.

63. Għalhekk, l-EDPB jaqbel mal-approċċ meħud mill-FR SA għall-każ preżenti biex tinkludi ċifra proviżorja tal-fatturat ibbażata fuq l-iktar informazzjoni finanzjarja aġġornata disponibbli fil-ħin taċ-ċirkolazzjoni

---

62 Skont il-PL SA, din iċ-ċifra nkisbet minn sorsi disponibbli pubblikament (https://group.accor.com/en/finance/events-and-announcements/annual-and-half-yearly-information), Oġġezzjoni tal-PL SA, paġna 2.

63 Osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Novembru 2021, taqsima 2.2.1, paġni 3-4.

64 EDPB, Deċiżjoni Vinkolanti 1/2021 dwar it-tilwima li qamet dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Irlandiża rigward WhatsApp Ireland skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, adottata fit-28 ta' Lulju 2021, paragrafi 405-412.

65 EDPB, Deċiżjoni Vinkolanti 1/2021, paragrafi 297-298.

66 EDPB, Deċiżjoni Vinkolanti 1/2021, paragrafu 298 li jirreferi wkoll għall-fatt li l-Artikolu 60(6) tal-GDPR, li jipprevedi li l-LSA u s-CSA jkunu marbuta bl-abbozz tad-deċiżjoni li dwaru huma (meqjusa li) qegħdin fi qbil, fi kwalunkwe każ ma japplikax għas-sitwazzjoni attwali.

67 Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 2.

tal-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha lis-CSAs skont l-Artikolu 60(3) tal-GDPR. Madankollu, l-EDPB ifakkar li meta toħroġ id-deċiżjoni finali tagħha skont l-Artikolu 65(6) tal-GDPR, l-FR SA għandha tqis il-fatturat annwali tal-intrapriża li jikkorrispondi għas-sena finanzjarja ta' qabel id-data tad-deċiżjoni finali tagħha, jiġifieri l-fatturat ta' ACCOR fl-2021.

*Tnaqqis tal-ammont tal-multa mil-LSA*

64. L-EDPB jinnota li biex ikkalkulat il-multa, l-FR SA qieset "il-kuntest ekonomiku kkawżat mill-kriżi tas-saħħa tal-Covid-19" u "l-konsegwenzi tagħha fuq is-sitwazzjoni finanzjarja [ta' ACCOR]"[68], li, kif riferut fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, rrapportat tnaqqis ta' 54 % fil-fatturat tagħha bejn 2019 u l-2020 minħabba l-kriżi tas-saħħa marbuta mal-pandemija tal-Covid-19 [69].

65. Fl-oġġezzjoni tagħha, il-PL SA tgħid li, sabiex tiżgura l-proporzjonalità tal-multa, l-FR SA ma għandiex tagħti tnaqqis tal-multa lil ACCOR. F'dan ir-rigward, il-PL SA targumenta li sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multa minħabba l-impatt tiegħu fuq is-solvenza tal-entità sanzjonata, għandu jintwera b'mod oġġettiv li l-impożizzjoni ta' din il-multa "tkun tesponi b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà tal-kumpanija kkonċernata u tkun twassal għat-telf tal-valur tal-assi kollha tagħha"[70]. Għalhekk, il-PL SA tenfasizza li, peress li l-fatturat ta' ACCOR jammonta għal 1,6 biljun ewro fl-2020[71], "huwa improbabbli ħafna" li s-solvenza ta' ACCOR tkun mhedda minn multa, anke jekk bosta drabi ogħla, minkejja t-telf ta' fatturat imġarrab minn ACCOR matul il-pandemija tal-Covid-19[72].

66. B'risposta għal din l-oġġezzjoni, l-FR SA tesprimi l-opinjoni li "għalkemm il-fatturat tal-kontrollur huwa element sinifikanti meta jiġi determinat l-ammont tal-multa, għandu jitqies flimkien mal-kriterji l-oħrajn kollha previsti fl-Artikolu 83(2) tal-GDPR"[73]. Rigward il-kalkolu tal-multa, l-FR SA iċċarat ukoll li ħadet f'kunsiderazzjoni l-impatt sinifikanti tal-kriżi tas-saħħa tal-covid-19 fuq is-settur tal-lukandi bħala fattur mitiganti skont l-Artikolu 83(2)(k) tal-GDPR.[74]

67. Fl-osservazzjonijiet tagħha li kkomunikat lill-EDPB, ACCOR tgħid li r-riskju ta' ħsara għas-solvenza tal-kumpanija mhuwiex element li jeħtieġ li tagħti prova tiegħu awtorità superviżorja, biex tkun tista' tbaxxi l-ammont tal-multa[75]. Dwar dan il-punt speċifiku, ACCOR tirreferi għad-deċiżjoni vinkolanti 1/2021 li fiha l-EDPB jindika li l-fatturat ta' kumpanija jista' jittieħed f'kunsiderazzjoni, fost elementi oħra, għall-kalkolu tal-multa. Barra minn hekk, ACCOR tisħaq li l-ammont inizjali tal-multa propost mir-Relatur (EUR 1 000 000) kien ikkalkolat b'referenza għall-fatturat tal-kumpanija fl-2019, qabel il-kriżi tal-Covid-19. Skont ACCOR, meta jitqies li l-EDPB kien tal-fehma li l-fatturat li għandu jiġi kkunsidrat għall-kalkolu tal-multa għandu jikkorrispondi għal dak tas-sena preċedenti għad-deċiżjoni, huwa loġiku li l-FR SA qieset it-tnaqqis sinifikanti fid-dħul ta' ACCOR bejn l-2019 u l-2020[76].

68. L-ewwel nett, l-EDPB jirrikonoxxi li, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-multa skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, LSA, skont il-liġi nazzjonali tagħha, tista' tnaqqas l-ammont tal-multa abbażi tal-prinċipju ta' inabbiltà li tħallas, iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna biss. Fil-fatt, simili għall-prattika

[68] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 87.
[69] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafi 87-88.
[70] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 2.
[71] Ara l-kjarifiki pprovduti f'dan ir-rigward fil-paragrafu 60 hawn fuq.
[72] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġni 2- 3.
[73] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafu 13.
[74] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafu 16.
[75] Osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Novembru 2021, taqsima 2.2.b, paġna 6.
[76] Ibid.

osservata fil-qasam tal-liġi dwar il-kompetizzjoni[77], biex LSA tikkunsidra tali tnaqqis fuq il-bażi tal-inabbiltà li tħallas il-multa, l-intrapriża li tagħmel it-talba għandha turi diffikultà li ma tistax tegħleb fil-ħlas tal-ammont propost tal-multa. B'mod partikolari, l-intrapriża kkonċernata għandha tipprovdi evidenza oġġettiva li l-ammont propost tal-multa jimmina b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tagħha u jikkawża lill-assi tagħha biex jitilfu l-valur kollu tagħhom jew biċċa kbira minnu[78]. Apparti minn dan, dawn ir-riskji jeħtieġ li jiġu vvalutati biss fejn ikun hemm "kuntest soċjali u ekonomiku" speċifiku[79].

69. F'dan il-każ, l-EDPB josserva li, bil-maqlub ta' dak li qed tgħid il-PL SA, it-tnaqqis tal-ammont tal-multa mil-LSA ma ġiex deċiż abbażi tal-inabbiltà ta' ACCOR li tħallas, iżda abbażi tat-tnaqqis fil-fatturat li rriżulta direttament mill-kuntest ekonomiku diffiċli li fih kienet qiegħda topera il-kumpanija[80]. Meta wieħed iqis li r-raġuni ta' inabbiltà li tħallas ma ġietx invokata matul il-proċediment, l-EDPB jqis li l-LSA mhijiex meħtieġa temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha biex tivvaluta l-inabbiltà tal-kumpanija li tħallas fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-multa skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR.

70. Rigward il-ġustifikazzjoni mogħtija mil-LSA għat-tnaqqis tal-multa, l-EDPB ifakkar li l-fatturat tal-kumpanija kkonċernata, peress li jipprovdi indikazzjoni rilevanti tad-daqs tal-kumpanija, diġà jikkostitwixxi wieħed mill-elementi li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni mil-LSA biex tiżgura li l-multa tkun effettiva, proporzjonali u dissważiva f'kull każ individwali[81]. Apparti minn hekk, l-EDPB jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minħabba n-natura komprensiva tal-Artikolu 83(1) tal-GDPR, l-LSA għandha tiżgura li ċ-ċirkostanzi meħuda f'kunsiderazzjoni meta tiġi kkalkolata l-multa ma jingħaddux darbtejn. Għalhekk, peress li l-fatturat diġà għandu jiġi kkunsidrat fil-valutazzjoni skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, l-EDPB jqis li l-LSA ma għandiex tikkunsidra t-tnaqqis fil-fatturat ta' ACCOR bħala fattur mitiganti skont l-Artikolu 83(2)(k) ukoll. Mingħajr preġudizzju għal dan t'hawn fuq, l-EDPB jinnota, madankollu, li l-formulazzjoni tal-Artikolu 83(1) tal-GDPR tħalliet ġenerali apposta, li jħalli ċerta flessibbiltà lil-LSA fl-għażla tal-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi żgurat li l-ammont finali tal-multa jkun konformi mal-prinċipji ta' effettività, proporzjonalità u dissważività[82]. Abbażi ta' dan, l-EDPB iqis li l-LSA tista' tnaqqas il-multa fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet finanzjarji ħżiena ta' settur tal-intrapriża kkonċernata, sakemm hija turi li l-fatturat rilevanti għall-kalkolu tal-multa[83], minnu nnifsu, ma jirriflettix b'mod xieraq il-kapaċità finanzjarja tagħha minħabba ċirkostanzi ekonomiċi settorjali eċċezzjonali u reċenti[84] li jaffettwaw l-attivitajiet tagħha direttament u b'mod sostanzjali. Hu x'inhu, l-EDPB iqis li s-sempliċi sejba li intrapriża tinsab f'sitwazzjoni finanzjarja avversa jew li qed tagħmel telf,

[77] Dwar dan il-prinċipju, ara, pereżempju, il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-metodu għall-iffissar ta' multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003(2006/C 210/02).

[78] Ara Tokai Carbon et vs il-Kummissjoni Ewropea, (Il-Kawżi magħquda T-236/01, T-239/01, T-244/01 sa T-246/01, T-251/01 u T-252/01, sentenza mogħtija fid-29 ta' April 2004), ECLI:EU:T:2004:118, §372; Westfälische Drahtindustrie et vs il-Kummissjoni Ewropea (Il-Kawża T-393/10, sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju 2015), ECLI:EU:T:2015:515, §§292-294.

[79] Ara SGL Carbon vs il-Kummissjoni Ewropea, (Il-Kawża C-308/04 P, sentenza mogħtija fid-29 ta' Ġunju 2006), ECLI:EU:C:2013:433, § 52106.

[80] Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafi 13-16.

[81] Id-Deċiżjoni Vinkolanti 1/2021, paragrafi 405-412.

[82] Skont l-Artikolu 83(1) "Kull awtorità superviżorja għandha tiżgura li l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi skont dan l-Artikolu fir-rigward ta' ksur ta' dan ir-Regolament imsemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6 għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva f'kull każ individwali" (enfażi miżjuda).

[83] jiġifieri l-fatturat tas-sena li tippreċedi d-deċiżjoni. Ara l-paragrafu 63 hawn fuq.

[84] Pereżempju, it-terminu "reċenti" jista' jiġbor fih sitwazzjonijiet fejn iċ-ċirkostanzi ekonomiċi settorjali eċċezzjonali jinqalgħu wara s-sena ta' referenza għall-fatturat rilevanti jew eżatt qabel ma tintemm din is-sena ta' referenza, b'tali mod li l-fatturat tal-intrapriża ma jibqax jirrifletti b'mod preċiż il-kapaċità finanzjarja tal-kumpanija.

ma ssarrafx awtomatikament fi tnaqqis fl-ammont tal-multa[85]. Għaldaqstant, id-deċiżjoni finali dwar jekk fil-kalkolu tal-multa għandux jiġi kkunsidrat jew le l-fatturat fid-dawl ta' żviluppi reċenti taċ-ċirkostanzi ekonomiċi settorjali li jwasslu għas-sitwazzjoni finanzjarja ħażina tal-intrapriża li mhijiex riflessa fil-fatturat rilevanti, hija f'idejn l-LSA, skont il-prattika nazzjonali tagħha għall-ħruġ ta' multi.

71. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-EDPB jinnota li ma hemm xejn f'dan il-każ li jindika li l-fatturat ta' ACCOR fl-2020 ma kienx jirrifletti b'mod xieraq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' din l-intrapriża meta nħareġ l-Abbozz tad-Deċiżjoni[86].

72. Għalhekk l-EDPB jagħti istruzzjonijiet lil-LSA, bil-għan li tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-multa skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, biex tieħu f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni finanzjarja ta' ACCOR abbażi taċ-ċifra tal-fatturat tal-2021 ta' din l-intrapriża, mingħajr ma tqis it-tnaqqis tal-fatturat minħabba l-pandemija tal-Covid-19 bħala fattur mitiganti skont l-Artikolu 83(2)(k) tal-GDPR.

*Dissważività tal-multa skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR*

73. Fil-parti tal-oġġezzjoni tagħha li l-EDPB qies li kienet rilevanti u motivata, il-PL SA targumenta li l-ammont tal-multa ffissat mil-LSA ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' dissważività stabbilit fl-Artikolu 83(1) tal-GDPR, li jipprevedi li "Kull awtorità superviżorja għandha tiżgura li l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi skont dan l-Artikolu fir-rigward ta' ksur ta' dan ir-Regolament imsemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6 għandha tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva f'kull każ individwali." B'mod partikolari, il-PL SA targumenta li l-ammont propost tal-multa mhuwiex għoli biżżejjed biex jiskoraġġixxi lil ACCOR innifisha jew lil entitajiet oħrajn milli jwettqu ksur simili fil-futur[87].

74. Fl-osservazzjonijiet tagħha li ressqet lill-EDPB, ACCOR sostniet li hija qablet mar-raġunament żviluppat mill-FR SA, li kkonkludiet li l-multa amministrattiva kienet dissważiva biżżejjed[88].

75. Qabel xejn għandu jiġi nnutat li l-iffissar ta' multa mhuwiex eżerċizzju ta' preċiżjoni aritmetika,[89] u l-awtoritajiet superviżorji għandhom ċertu marġini ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward[90]. Madankollu, l-EDPB iqis li anke jekk LSA mhijiex meħtieġa, skont id-dmir tagħha li tagħti r-raġunijiet, li tipprovdi ċifri dettaljati dwar il-metodi li użat għall-kalkolu tal-multa, l-LSA għandha tindika l-fatturi li influwenzaw l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha fl-iffissar ta' multi, b'mod partikolari b'rabta mal-effett ta' deterrent tal-multa proposta.

76. Barra minn hekk, l-EDPB ifakkar li biex jiġi żgurat li multa tkun dissważiva, għandha tiġi ffissata f'livell li jiżgura li jkollha effett ġenwinament deterrent.[91] Bil-għan li jiġi żgurat l-effett deterrent, il-multa

---

[85] ara Dansk Rørindustri et vs il-Kummissjoni Ewropea (il-kawżi konġunti C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2005), ECLI:EU:C:2005:408, §327 u l-ġurisprudenza kkwotata fihom.

[86] F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar li, meta toħroġ id-deċiżjoni finali tagħha f'konformità mal-Artikolu 65(6) tal-GDPR, l-FR SA għandha tuża l-fatturat aġġornat ta' ACCOR tal-2021. Ara l-paragrafu 63 hawn fuq.

[87] Oġġezzjonijiet tal-PL SA, paġna 2.

[88] Osservazzjonijiet ta' ACCOR ta' Mejju 2022, paġna 1, li jirreferu għal: Deliberazzjoni dwar l-oġġezzjonijiet tal-PL SA, paragrafi 11-18.

[89] Ara, *inter alia,* Altice Europe NV vs il-Kummissjoni Ewropea (Il-Kawża T-425/18, sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2021), ECLI:EU:T:2021:607, §362; Romana Tabacchi vs il-Kummissjoni Ewropea (Il-Kawża T-11/06, sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2011), ECLI:EU:T:2011:560, §266.

[90] Ara, *inter alia,* Caffaro Srl vs il-Kummissjoni Ewropea (Il-Kawża C-511/06, sentenza mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2011), ECLI:EU:C:2013:278, § 38.

[91] EDPB, Id-Deċiżjoni 01/2020 dwar it-tilwima li qamet dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Awtorità Superviżorja Irlandiża rigward Twitter International Company skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, Adottata fid-9 ta' Novembru 2020, paragrafu 196; EDPB, Deċiżjoni 1/2021, paragrafu 415.

għandha tiġi ffissata f'livell li jiskoraġġixxi kemm lill-kontrollur jew proċessur ikkonċernat kif ukoll lil kontrolluri jew proċessuri oħrajn li jwettqu operazzjonijiet ta' pproċessar simili milli jirrepetu l-istess kondotta illegali jew kondotta simili,[92] filwaqt li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan[93]. Apparti minn dan, id-daqs tal-intrapriża kkonċernata huwa wieħed mill-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-ammont tal-multa sabiex tiġi żgurata n-natura disswaživa tagħha[94]. It-teħid f'kunsiderazzjoni tar-riżorsi tal-intrapriża inkwistjoni huwa tabilħaqq ġustifikat mill-impatt mixtieq fuq l-intrapriża kkonċernata, sabiex jiġi żgurat li l-multa jkollha effetti deterrenti biżżejjed, minħabba li l-multa ma tridx tkun negliġibbli fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kapaċità finanzjarja tagħha[95].

77. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-EDPB iqis li l-multa f'dan il-każ relatata ma' ksur "sostanzjali"[96] għandha tiġi ffissata f'livell li mhuwiex negliġibbli b'rabta mal-fatturat ta' ACCOR, u li jkun ta' deterrent mhux biss għal ACCOR iżda wkoll għal organizzazzjonijiet oħrajn milli jwettqu ksur simili fil-futur. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota li għalkemm ir-riżorsi ta' ACCOR naqsu b'mod sinifikanti bejn l-2019 u l-2020 minħabba l-pandemija tal-Covid-19, l-ammont tal-multa propost mil-LSA jkun jirrappreżenta 0,02 % biss tal-fatturat stmat ta' ACCOR fl-2020. L-EDPB iqis li dan l-ammont ikun jikkwalifika bħala negliġibbli fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li ġie impost għal ksur li l-LSA ikkunsidrat li huwa "sostanzjali"[97]. Għaldaqstant, l-EDPB huwa tal-fehma li tali ammont ma jiskoraġġixxix lil ACCOR u lil kumpaniji oħrajn milli jwettqu ksur "sostanzjali" simili, u wisq anqas milli jwettqu ksur inqas "sostanzjali", peress li r-riskju li jiffaċċjaw għal tali ksur ikun kastig minimu meta mqabbel mad-daqs ekonomiku tagħhom.

78. Għalhekk, l-EDPB isib li l-multa prevista fl-Abbozz tad-Deċiżjoni mhijiex disswaživa biżżejjed. Abbażi ta' dan, l-EDPB jagħti istruzzjonijiet lil-LSA biex terġa' tivvaluta l-elementi li kkunsidrat biex ikkalkolat l-ammont tal-multa bil-għan li tiżgura li tissodisfa l-kriterju ta' disswaživitā skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, billi tqis, b'mod partikolari, il-fatturat rilevanti ta' ACCOR[98].

**KONKLUŻJONIJIET**

L-EDPB jagħti struzzjonijiet lill-FR SA biex tirrivvaluta l-miżura korrettiva prevista tagħha f'termini ta' multa amministrattiva skont il-konklużjonijiet milħuqa mill-EDPB, jiġifieri:

– il-fatturat rilevanti huwa dak li jikkorrispondi għas-sena finanzjarja li tippreċedi d-data tad-deċiżjoni finali meħuda mil-LSA skont l-Artikolu 65(6) tal-GDPR (paragrafi 58-63).

[92] Ara, *inter alia*, Versalis Spa vs il-Kummissjoni Ewropea (Il-Kawża C-511/11, sentenza mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2013), ECLI:EU:C:2013:386, § 94.

[93] MT vs Landespolizeidirektion Steiermark (Il-Kawża C-231/20, sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2021), ECLI:EU:T:2021:60, § 45 (li tgħid hekk: "is-severità tas-sanzjonijiet imposti tkun adegwata għall-gravità tal-ksur li trażżan, b'mod partikolari billi tiżgura effett verament disswaživ, filwaqt li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet").

[94] EDPB, Id-Deċiżjoni Vinkolanti 1/2021, paragrafi 405-412.

[95] YKK et vs Il-Kummissjoni Ewropea (Il-Kawża C-408/12 P, sentenza mogħtija fl-4 ta' Settembru 2014), ECLI:EU:C:2014:2153, § 85; Lafarge vs Il-Kummissjoni Ewropea, (Il-Kawża C-413/08 P, sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2010), ECLI:EU:C:2010:346, § 104 u l-ġurisprudenza kkwotata fiha.

[96] Abbozz tad-Deċiżjoni, paragrafu 80.

[97] Ibid.

[98] F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar li, meta toħroġ id-deċiżjoni finali tagħha f'konformità mal-Artikolu 65(6) tal-GDPR, l-FR SA għandha tuża l-fatturat aġġornat ta' ACCOR tal-2021. Ara l-paragrafu 63 hawn fuq.

– biex tiżgura li l-multa tkun proporzjonali skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR billi tikkunsidra, kif deskritt fid-deċiżjoni vinkolanti, il-fatturat rilevanti ta' ACCOR (paragrafi 64-72).

– biex tirrivaluta l-elementi li kkunsidrat biex ikkalkolat l-ammont tal-multa bil-għan li tiżgura li tissodisfa l-kriterju ta' dissważività skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, billi tqis, b'mod partikolari, il-fatturat rilevanti ta' ACCOR (paragrafi 73-78).

# 6 DEĊIŻJONI VINKOLANTI

79. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, u skont il-kompitu tal-EDPB skont l-Artikolu 70(1)(t) tal-GDPR biex toħroġ deċiżjonijiet vinkolanti skont l-Artikolu 65 tal-GDPR, l-EDPD joħroġ id-deċiżjoni vinkolanti li ġejja skont l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR:

- L-EDPB jiddeċiedi li l-oġġezzjoni tal-PL SA li tikkontesta l-livell tal-multa imposta mill-FR SA fl-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(24) tal-GDPR rigward dak li qed issostni l-PL SA, jiġifieri li l-Abbozz tad-Deċiżjoni (i) fih nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fatturat rilevanti għall-iffissar tal-ammont tal-multa; (ii) f'termini tal-proporzjonalità tal-multa, m'għandux jagħti tnaqqis tal-multa lil ACCOR minkejja t-telf li rreġistrat matul il-pandemija tal-Covid-19; u (iii) jipproponi multa li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' dissważività stabbilit fl-Artikolu 83(1) tal-GDPR.

- F'dak ir-rigward, l-EDPB jiddeċiedi li (i) fid-deċiżjoni finali tagħha l-FR SA trid tikkunsidra l-fatturat ta' ACCOR tas-sena preċedenti jiġifieri tal-2021; (ii) għalkemm l-FR SA mhijiex meħtieġa tivverifika s-solvenza ta' ACCOR, sabiex tiżgura l-proporzjonalità tal-multa, għandha tieħu f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni finanzjarja ta' ACCOR abbażi taċ-ċifra ta' fatturat rilevanti ta' din l-intrapriża, mingħajr ma tqis dan it-tnaqqis fil-fatturat bħala fattur mitiganti skont l-Artikolu 83(2)(k) tal-GDPR; u (iii) il-multa ma tissodisfax ir-rekwiżit li tkun dissważiva skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR u għal din ir-raġuni, jagħti istruzzjonijiet lill-FR SA biex tirrivaluta l-elementi li kkunsidrat biex ikkalkolat l-ammont tal-multa bil-għan li tiżgura li tissodisfa l-kriterju ta' dissważività skont l-Artikolu 83(1) tal-GDPR, billi tqis, b'mod partikolari, il-fatturat rilevanti ta' ACCOR.

- L-EDPB jiddeċiedi li l-FR SA mhijiex meħtieġa temenda l-Abbozz tad-Deċiżjoni tagħha abbażi tal-parti tal-oġġezzjoni dwar il-prinċipju ta' proporzjonalità b'rabta mas-serjetà tal-ksur (Artikolu 83(2)(a) tal-GDPR), peress li ma tissodisfax ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(24) tal-GDPR.

# 7 RIMARKI FINALI

80. Din id-deċiżjoni vinkolanti hija indirizzata lill-FR SA u lis-CSAs. L-FR SA għandha tadotta d-deċiżjoni finali tagħha fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni vinkolanti skont l-Artikolu 65(6) tal-GDPR.

81. Rigward il-parti tal-oġġezzjoni meqjusa li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stipulati mill-Art. 4(24) tal-GDPR, l-EDPB ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mertu ta' kwalunkwe kwistjoni sostanzjali mqajma fiha. L-EDPB itenni li d-deċiżjoni attwali tiegħu hija mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjonijiet li l-EDPB jista' jintalab jagħmel f'każijiet oħra, inkluż mal-istess partijiet, waqt li jqis il-kontenut tal-abbozz tad-deċiżjoni rilevanti u l-oġġezzjonijiet imqajma mis-CSAs.

82. Skont l-Artikolu 65(6) tal-GDPR, l-FR SA għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali tagħha lill-President fi żmien xahar wara li tirċievi d-deċiżjoni vinkolanti.

83. Ladarba tali komunikazzjoni ssir mill-FR SA, id-deċiżjoni vinkolanti ssir pubblika skont l-Artikolu 65(5) tal-GDPR.

84. F’konformità mal-Artikolu 70(1)(y) tal-GDPR, id-deċiżjoni finali tal-FR SA kkomunikata lill-EDPB se tkun inkluża fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta’ konsistenza.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)